MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 248/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmel Spiteri**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmel Spiteri talli fit-12 ta' Jannar 2011 ghall-habta tas-6.30 a.m. gewwa r-residenza matrimonjali tieghu:

(1) hebb kontra l-persuni ta' martu Mary Spiteri u ibnu Noel Spiteri sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew sabiex jaghmel hsara lil dawn il-persuni jew lil haddiehor;

(2) ingurja u/jew hedded lil martu Mary Spiteri jew jekk kien ipprovokat, ingurjaha b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta' Mejju 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 339(1)(d) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Carmel Spiteri hati ta' l-ewwel (1) imputazzjoni u kkundannatu gimgha detenzjoni, izda ma sabitux hati tat-tieni (2) imputazzjoni u minnha lliberatu;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Carmel Spiteri pprezentat fis-27 ta' Mejju 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn l-appellant ma nstabx hati tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tirrevokaha fejn l-appellant gie misjub hati ta' l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u minflok tilliberah minn kull htija u piena u okkorrendo jkun il-kaz, subordinatament tipprovdi ghal piena aktar mita u idoneja.

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-ewwel Qorti ma setghetx ragjonevolment issib htija. Hemm konflitt bejn il-verzjoni ta' l-appellant u dik ta' Noel Spiteri. Kien hemm battibekk u kull ma ghamel l-appellant kien li jghid lil ibnu Noel Spiteri jitlaq 'il barra mid-dar. La kien hemm kuntatt fiziku u lanqas il-potenzjalita` ta' tali kuntatt; (2) li, minghajr pregudizzju, il-piena kienet wahda eccessiva u mhux idoneja.

**6.** B'referenza ghall-ewwel aggravju l-appellant jghid illi l-konflitt fil-verzjonijiet ghandu jimmilita favur tieghu. Jghid illi ibnu Noel Spiteri huwa guvni ta' hamsa u ghoxrin sena li ghazel li jibqa' jghix mal-ġenituri tieghu fid-dar taghhom. Skond l-appellant, fil-hin tal-battibekk qatt ma hebb ghal ibnu izda qallu biss biex jitlaq 'il barra mid-dar. Ma kienx hemm kuntatt fiziku u lanqas il-potenzjalita` ta' tali kuntatt. Galhekk l-ewwel Qorti ma setghetx issib htija.

**7.** Dan l-ewwel aggravju jehtieg apprezzament mill-gdid tal-provi. Tajjeb li jinghad ukoll li x-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut, hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar (artikolu 638(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta). U kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003, **"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux"**.[1]

**8.** L-appellant, permezz ta' l-ewwel imputazzjoni, gie akkuzat li hebb ghal martu u ghal ibnu sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew sabiex jaghmlilhom hsara. In kwantu jirrigwarda lil martu, Mary Spiteri, din irrinunzjat ghall-azzjoni kriminali quddiem l-ewwel Qorti u ghalhekk l-imputazzjoni tirrigwarda biss lil iben l-appellant. Issa, fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Joseph Pace** deciz fid-9 ta' Mejju 1997 intqal:

**"L-ewwel Qorti rravvizat fl-ghemil ta' l-appellant il-kontravvenzjoni kkontemplata fl-artikolu 339(1)(d) tal-Kodici Kriminali. Din il-kontravvenzjoni kontra l-persuna ssehh meta persuna thebb kontra persuna ohra sabiex tingurja, iddejjaq jew taghmel hsara lil dik il-persuna l-ohra jew lil haddiehor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi disposizzjoni ohra tal-Kodici Kriminali. Biex persuna <u>thebb</u> kontra persuna ohra ma hemmx ghalfejn li effettivament ikun hemm kuntatt fiziku; bizzejjed li jkun hemm il-potenzjalita` ta' tali kuntatt permezz tal-manifestazzjoni ta' forza fizika indirizzata lejn dik il-persuna ohra. Forsi t-test Ingliz**

[1] Ara wkoll Appell Kriminali **The Police vs Graham Charles Ducker**, 19 ta' Mejju 1957.

**ta' din il-kontravvenzjoni jiddeskrivi ahjar il-kuncett ta' 'hebb': *'… <u>attempts to use force</u> against any person with intent to insult, annoy or hurt such person or others …'* (enfasi mizjuda). Jekk ikun hemm kuntatt fiziku *multo magis* wiehed jista' jghid li wiehed hebb ghal persuna ohra, sakemm il-fatt ma jammontax ghal xi reat iehor jew reat aktar gravi."**

**9.** Din il-Qorti semghet b'attenzjoni x-xiehda ta' Noel Spiteri u ohtu Antoinette Spiteri u dik ta' l-appellant. Li hemm konflitt fil-provi huwa minnu. B'danakollu ma jfissirx illi din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, ma tistax tqis verzjoni verosimili aktar minn ohra. Mix-xiehda li semghet jirrizulta minghajr dubju illi fil-gurnata in kwistjoni kien hemm battibekk bejn l-appellant u martu li sahansitra wasal biex l-appellant jaghmel idu ma' ghonq martu. Noel Spiteri, binhom, li kien sema' l-ghajjat, intervjena biex iwaqqaf lil missieru u jaqilghu minn ma' ommu. Sa hawn jidher li hemm qbil. Fejn ma jaqblux huwa dwar dak li gara wara. Noel Spiteri jghid li ndjetregga, b'missieru gej lejh, lejn il-kamra tal-banju u pprova jaghlaq il-bieb bl-appellant jaghmel rezistenza mal-bieb izda b'xi mod ghalqu. L-appellant jghid illi wara li Noel Spiteri heddu b'sikkina u b'trabixu, beda javvicina l-kamra tal-banju. Skond l-appellant, dak il-hin hu gera lejn il-kamra tal-banju ghax kien hemm wire mill-washing-machine ghal barra l-bieb bil-kurrent go fih u beza' li ibnu jaghti daqqa fuq il-wire; kien ghalhekk li gera ghall-bieb biex iwaqqfu milli jinstabat. Imbaghad dak il-hin waqghetlu c-cavetta li giet taht il-*washing-machine* u pprova jgibha b'siequ.

**10.** Din il-Qorti hi tal-fehma, mill-analizi li ghamlet tax-xiehda, li Noel Spiteri kien qieghed certament jitkellem b'qalb mugugha u li ghamel rapport kontra missieru peress illi dan l-ahhar incident kien ghalih *the last straw*. Difficilment timmagina kif f'dik id-daghdigha kollha l-appellant kellu cans jahseb fuq il-wire. L-animu aggressiv tieghu fil-fatt hareg car meta qal waqt li kien qieghed jixhed li kieku ried jidhol ghalih kien jidhol u mhux jipprova jidhol. Huwa inverosimili li l-appellant ma resaq fl-ebda hin lejn ibnu biex ihebb ghalih. Jidher li kien proprju ghalhekk

illi ibnu dahal jinghalaq fil-kamra tal-banju. Konsegwentement l-ewwel aggravju hu michud.

**11.** It-tieni aggravju jirrigwarda l-piena li l-appellant iqis eccessiva. Jghid li hu ghalliem, illum pensjonant, qatt ma rifes l-ghatba tal-Qorti u b'fedina penali nettissima. Piena karcerarja effettiva ma twassalx ghall-effetti riformattivi mixtieqa, u mhuwiex *hardened criminal* li jkollu xi disposizzjoni jirrepeti l-agir tieghu fil-konfront ta' persuni ohra.

**12.** L-ewwelnett l-appellant jidher illi ghandu zball meta jghid li qatt ma rifes l-ghatba tal-Qorti ghax mill-fedina penali aggornata jirrizulta, almenu *prima facie*, li fit-3 ta' Mejju 1991 instab hati ta' xi kontravvenzjonijiet tat-traffiku li dwarhom kien gie kkundannat canfira u twiddiba. Imbaghad, ghalkemm mill-fedina penali ma jirrizultax li huwa *a hardened criminal*, hi preokkupanti hafna x-xiehda ta' Noel Spiteri dwar l-agir ta' l-appellant specjalment fil-konfront ta' martu. Ciononostante, l-appellant mhuwiex hawn akkuzat b'xi agir vjolenti fil-konfront ta' martu peress illi quddiem l-ewwel Qorti hija hafritlu, qalet li ma riditx tkompli bil-kawza u ghazlet li ma tixhidx. Ghalhekk l-uniku addebitu f'dawn il-proceduri huwa ta' hebb fil-konfront ta' ibnu minghajr ma sar xi forma ta' kuntatt fiziku.

**13.** Din il-Qorti hasbet fuq dik li tqis bhala l-aktar piena idoneja fic-cirkostanzi u waslet ghall-konkluzjoni li jkun aktar opportun li jkun hemm xi forma ta' deterrent ghal perijodu twil sabiex b'hekk l-appellant ihares l-imgieba tieghu fil-konfront tal-familja tieghu u jiftakar li ebda forma ta' vjolenza ma hija tollerrabbli.

**14.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabitu hati, permezz ta' l-ewwel imputazzjoni, talli hebb kontra l-persuna ta' martu Mary Spiteri u minflok tiddikjara l-procediment ezawrit, izda tikkonfermaha in kwantu sabitu hati, permezz ta' l-istess imputazzjoni, li fit-12 ta' Jannar 2011 ghall-habta tas-6.30 a.m. gewwa r-residenza matrimonjali tieghu hebb kontra l-persuna ta' ibnu Noel Spiteri sabiex jingurjah, idejqu jew sabiex jaghmillu hsara, tirrevokaha wkoll in

kwantu kkundannatu gimgha detenzjoni u minflok, a tenur ta’ l-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, taghtih *conditional discharge* ghal zmien tnax-il xahar millum, filwaqt illi bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna li l-appellant Carmel Spiteri jintrabat b’obbligazzjoni tieghu nnifsu biex izomm il-kwiet ma’ Noel Spiteri, u dan taht penali ta’ elf euro (€1,000) ghal zmien sena millum. Tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------